# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-17 t'Ottubru, 2016

**Appell Nru: 385/2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Raymond Aquilina)**

**Vs**

**Victor Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Victor Spiteri detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 533161M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

"F' dawn il-Gzejjer f' Awwissu 2009, u fis-snin precedenti, meta b' diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u jkunu maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. B' eghmil zieni, ikkorrompa lil *ommisis* minuri ta' taht l-eta';

2. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' l-istess imsemmija minorenni ta' taht l-eta' cioe' *ommisis*;

3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-eta' cioe *ommisis*;

4. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-istess imsemmija persuni cioe *ommisis*.

5. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, gab ruhu b' tali mod li ta fastidju lil persuna *ommisis* u xi persuni ohra u b' mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuna msemmija u/jew persuni ohra;

6. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, offenda il-pudur jew il-morali b' eghmil li sar f' lok pubbliku jew f' lok espost ghall-pubbliku";

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuna u l-familjari taghha u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw;

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni involuti u l-familji taghhom ai termini tal-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex tirrevoka kwalunkwe licenzja mahruga minn Awtorita' Kompetenti u dan skond l-artikolu 30(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lil-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Settembru, 2014, li biha wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 203(1), 204C(1) u 209 tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tielet, u tas-sitt imputazzjoni u

kkundannatu erba' (4) snin prigunerija u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u r-raba' mputazzjoni peress illi huma alternattivi ghall-ewwel imputazzjoni;

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tlett (3) snin fejn il-persuni protetti huma *ommisis* u l-genituri taghha u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet. Ordnat ukoll d-divjet tal-pubblikazzjoni fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni kemm ta' isem il-minuri koncernata kif ukoll ta' isem il-familjari taghha. Ordnat inoltre fit-termini tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att. Ordnat ukoll b' applikazzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali s-sospensjoni ghal zmien ghaxar (10) snin tal-licenzja mahruga mill-awtorita' koncernata sabiex l-imputat ikun jista' jsuq xarabanks jew mezzi ohra ta' Trasport li jgorru tfal tal-iskola jew ta' taht l-eta' ta' tmintax (18)-il sena. Finalment b' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s–somma ta' €1251.63 liema ammont jirraprezentaw l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Victor Spiteri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru, 2014, li bih talab it-thassir u r-revoka tas-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u konsegwentement tordna li l-atti jintbaghtu lura lil Qorti tal-Magistrati (Malta) u fin-nuqqas tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tirrevokaha fejn sabet lil appellant hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u s-sitt (6) imputazzjoni u tilliberah minnhom, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu; jew alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jikkwerela l-validita' tas-sentenza u dan fuq il-gravami illi l-ewwel Qorti naqset milli tippronunzja ruhha dwar wahda mill-imputazzjonijiet, senjatament il-hames wahda. L-ewwel Qorti inizzjalment kellha quddiemha sitt imputazzjonijiet kif jidher riprodott fil-parti preliminari ta' din is-sentenza. L-ordni li fih jidhru l-imputazzjonijiet meta l-appellant, allura imputat, tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jikkorrispondu ghar-rejati ravvizati fl-artikoli 203(1), 203A, 204C, 207, **251A** u 209 f'dik is-sekwenza;

2. Fin-nota tal-Avukat Generali tas-27 ta' Dicembru 2010, igifieri ir-rinviju ghal-gudizzju tal-imputat quddiem l-ewwel Qorti, l-Avukat Generali, indika l-artikoli kollha appena elenkati *supra* **bin-nuqqas tal-artikolu 251A,** dak tal-fastidju korrispondenti ghall-hames imputazzjoni u b'hekk baghat lill-appellant sabiex ikun gudikat dwar hames imputazzjonijiet u mhux sitta. Meta fin-nota ta' rinviju ghal-gudizzju fit-termini tal-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali l-Avukat Generali jindika artikoli tal-ligi li jikkorrispondu ghal-anqas reati minn dawk originarjament dedotti fl-inizzju tal-proceduri, ifisser illi jkun qieghed jirtira reat jew reati mill-imputazzjoni originali. Meta allura l-Qorti tal-Magistrati tkun akkwistat dik il-kompetenza bil-kunsens tal-imputat, dik il-Qorti tkun tista' tikkunsidra <u>biss</u> dawk ir-reati indikati fir-rinviju, hlief naturalment ghal-reati ta' natura konnessa, bhall-attentat jew komplicita' f'dak ir-reat, jew reat anqas gravi li, izda, din il-Qorti mhix ser tinoltra dwarhom ghaliex imorru 'l hinn mil-gravami in dizamina. (Ara in rigward is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Carter App Krim 7.12.2001**). Meta l-ewwel Qorti indikat li rat in-nota tal-Avukat Generali tas-27 ta' Dicembru,

2010 (esebita a fol 321 tal-process) u rriproduciet dawk l-artikoli fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinsab htija, dik il-Qorti kienet effettivament elenkat l-imputazzjonijiet effettivi kontra l-appellant li dwarhom kellha taghmel kunsiderazzjonijiet u ssib htija jew tillibera skond il-kaz, kif fil-fatt ghamlet. L-ewwel aggravju tal-appellant ghalhekk qed ikun respint;

3. Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jikkwerela l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti. Jokkorri ghalhekk illi din il-Qorti bhala Qorti tal-Appell tezamina l-atti bir-reqqa sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Opportunement jinghad illi l-iskop tas-segwenti ezami muhiex dak illi tkun raggunta konkluzzjoni ohra daqs li kieku qatt ma inghatat sentenza mill-ewwel Qorti;

4. Brevement rikapitati l-fatti ta' dan il-kaz, u kif tajjeb rakkontati mill-ewwel Qorti, l-minuri li isimha huwa hawn mizmum, tal-eta ta' hmistax-il sena, waqt li kienet fil-kumpanija tal-*boyfriend* taghha ta' 25 sena u li mieghu kellha relazzjoni sesswali, irceviet telefonata minghand persuna li aktar tard irrizulta li kien l-appellant, ragel mizzewweg ta' 47 sena. Il-*boyfriend* ta' ommisis, wara li insista biex isir jaf min kien cemplilha, kien zvela mall-genituri taghha dak li kienet qaltlu l-minuri igifieri li waqt li kienet f'relazzjoni mieghu u anke ghal madwar sena qabel, kellha relazzjoni sesswali mal-persuna ta' 47 sena li kien ix-xufier tal-karozza tal-linja tal-iskola;

5. Quddiem l-ewwel Qorti, l-minuri xehedet illi meta kien ghad ghandha biss tnax-il sena u allura fit-tieni sena tal-iskola sekondarja, l-appellant kien kostantement jghamlilha avvanzi u rnexxielha tirrezistih ghal sena. Gara izda illi bejn it-tieni u t-tielet sena tal-iskola sekondarja wara diversi messaggi u telefonati waqghet billi accettat li tiltaqa' mieghu. Ghal bidu kienet tiltaqa' mieghu fil-karozza tieghu jew ta' martu u l-inkontri kienu jikkonsistu f'tokkamenti izda wara xahar u nofs beda jkollu relazzjoni sesswali maghha sia fil-vettura fil-post minnha deskritt, fir-residenza tieghu kif ukoll fl-ufficcju ta' fejn kien jahdem bhala president tal-karozzi tal-linja. L-

appellant ikkonferma li kien jaf lil minuri ghaliex kienet il-*prefect* fuq ix-xarabank izda nnega li qatt kellu x'jaqsam sesswalment maghha u qal illi kien semplicement biesha. Ir-raguni vera ghaliex il-minorenni riedet tithabbeb mal-appellant kienet sabiex tasal biex tohrog ma' ibnu;

6. L-appellant jilmenta mid-direzzjoni li hadet l-ewwel Qorti li tistrieh esklussivament fuq id-deposizzjoni tal-minuri minkejja li ghamlet referenza ampja ghar-rigward tal-grad tal-prova li l-prosekuzzjoni kellha tilhaq meta si tratta ta' konflitt fil-provi. Ezaminati bir-reqqa l-atti processwali jirrizulta illi l-ewwel Qorti rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti ghamlet esposizzjoni legali dettaljata u korretta tal-grad tal-prova mistenni f'cirkostanzi simili u dan b'referenza ampja ghal-gurisprudenza u awturi eminenti in rigward. Fuq skorta ta' sentenzi in tema, "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzat. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*" (**Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.07.03. Vide ukoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006** fost diversi ohrajn). L-ewwel Qorti ghamlet dan l-ezercizzju u din il-Qorti skrutinat il-provi kollha li wasslu lil Qorti tal-ewwel grad ghal-konvinciment li kienet il-minuri li kellha titwemmen u mhux l-appellant;

7. L-appellant ma jaqbilx ma' dak li qalet l-ewwel Qorti illi l-verzjoni tal-minuri kienet korroborata bi provi ohra fosthom ir-rapport tal-espert tekniku dwar it-telefonati maghmula bejn il-minuri u l-appellant, il-pjanta minnha maghmula tar-residenza tal-appellant u li l-appellant kien ssogetta ruhu ghal-intervent kirurgiku fil-parti genitali tieghu li tirrendih temporanjament inkapaci milli jirriproduci. Mill- provi akwiziti jemergi illi l-minorenni iddeskriviet il-vetturi kollha li l-appellant kien juza fl-inkontri maghha. Tat deskrizzjoni dettaljata u sahansitra ghamlet pjanta sia tar-residenza tal-appellant kif ukoll

tal-Ufficcju tal-Public Transport fejn iddeskriviet kamra kamra kompriz il-post fejn jinzammu l-uniformijiet tal-haddiema. Minn ezami tal-perizzja dwar it-telefonati li originaw minn u ghat-telefon tal-appellant u tal-minorenni, kif ukoll mix-xhieda tal-espert awtur ta' din il-perizja, jemergi illi mit-telefon tal-minorenni originaw xejn anqas minn tnax-il elf hames mija u disgha u tletin telefonata lejn in-numru tal-appellant li min naha tiehu kienu registrati erbat elef disa mija u tletin telefonata destinati ghat-telefon tal-minorenni. L-uniku messagg li deher fuq is-*sim card* tat-telefon tal-minorenni, messagg li kienet baghtet lill-appellant, kien jaqra: "Jien ready meta tasal cempel ta qalbi cu xx". Id-deskrizzjoni tar-residenza tal-appellant taqbel mal-pjanta redatta mill-espert tekniku tal-Qorti u r-ritratti tal-istess residenza ukoll jikkorroboraw dik id-deskrizzjoni;

8. L-ewwel Qorti kienet rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn il-minorenni spjegat fid-dettall l-inkontri li kien ikollha mal-appellant u kif dawn baqghu sejrin anke fil-vakanzi tas-sajf. L-appellant jghid illi kien hadha d-dar tieghu f'okkazzjoni wahda sabiex juriha l-akwarju. Huwa ghamel dan minghajr il-kunsens tal-genituri tal-minuri u dan kien jikkontrasta ma' okkazzjoni ohra fejn kien informa lil habib tieghu li kien ser jiehu lil ibnu sabiex jara dan l-istess akwarju. Jispjega ukoll illi ma setghax ikun li kien ha lill-minorenni d-dar tieghu meta martu tahdem f'hanut fl-istess triq u ibnu ikun id-dar meta l-familja tkun villegjatura fis-sajf. Iben l-appellant xehed illi fix-xitwa jkun jirrisjedi ghand it-tfajla tieghu filwaqt li fis-sajf meta allura l-familja tieghu tinsel villeggjatura, hlief ghall-missier, huwa jirrisjedi fid-dar ta' missieru flimkien mat-tfajla tieghu lit kun dejjem hemm tnaddaf. Apparti li dan il-fatt qatt ma ssemma mill-appellant din il-persuna qatt ma ttelghet biex tikkonferma l-istess. Tajjeb li jinghad ukoll illi iben l-appellant xehed illi l-minuri riedet kemm il-darba tibda relazzjoni mieghu u dan minkejja li hu kellu t-tfajla tieghu, mgharufa lill-minorenni ghaliex kienet mill-istess skola u li minnha kien qed jistenna tarbija;

9. L-appellant xehed illi huwa kien zamm hbiberija mal-minorenni sabiex ma tikxfux li kien qieghed jikser ir-regoli meta kien qed jghabbi subien flimkien mal-bniet fuq l-istess xarabank. Anke ghal din il-Qorti, tali raguni hija wahda fierha meta tqis illi r-relazzjoni bejn it-tnejn baqghet ghaddejja anke fil-perjodu tal-vakanzi tas-sajf u tenut li seta' facilment jehles minn dik il-biza billi jaghmel il-kontijiet ghall-tali kontravvenzjoni jekk verament jinkixef. Wara kollox seta jinkixef mit-tfal kollha li kien jitrasporta u mhux biss mill-minorenni;

10. L-appellant jikkwerela s-sincerita' tal-minorenni meta din kellha *boyfriend* ta' 25 sena fl-istess waqt illi kienet qed tara lill-appellant u wara biss xahar u nofs tohrog mieghu kienet gia kellha relazzjoni sesswali mieghu tant illi anke dan tressaq il-Qorti u ammetta il-htija. Quddiem l-ewwel Qorti l-minorenni spjegat illi li ma kienitx ghal dik it-telefonata li intercetta *l-boyfriend* taghha, hajjitha kienet tibqa' mahkuma minn dik is-sitwazzjoni prevalenti;

11. Din il-Qorti ma rriskontrat xejn fir-ragunament tal-ewwel Qorti li jista' jikkonduciha ghal-konvinciment li ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Wara li ghazlet l-verzjoni tal-minorenni bhala dik li ghandha mis-sewwa, l-ewwel Qorti ghaddiet biex tezamina l-imputazzjonijiet seriatim u esplorat l-elementi ta' kull reat mill-ottika tal-fatti kif rakkontati mill-istess minorenni. L-aggravju tal-appellant, apparti dak dwar n-nullita' tas-sentenza, huwa rivolt biss lejn in-nuqqas ta' kredibilita' tal-minorenni u mhux jekk dawk il-fatti jammontawx ghal-reati li taghhom instab hati. Fi kliem iehor ma kienx mitlub mill-appellant li din il-Qorti tissindika r-reita' ta' dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom instab hati;

12. Kwantu ghat-talba alternattiva ghal-applikazzjoni ta' piena aktar ekwa u gusta, irid jinghad illi l-piena kominata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn li jiddimostra li din kellha tkun anqas minn dik fil-fatt erogata. Inoltre l-appellant ma ressaq ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tikkontempla tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercita mill-ewwel Qorti in rigward;

13. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha. It-terminu ta' protezzjoni ta' tlett snin skond l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali jibda jiddekorri mil-lum. It-terminu ta' sospensjoni ta' ghaxar snin tal-licenzji sabiex l-appellant ikun jista' jsuq Xarabanks jew mezzi ohra ta' trasport li jgorru tfal tal-iskola jew ta' taht l-eta' ta' tmintax-il sena kif ordnat mill-ewwel Qorti, jibda jeddekorri mil-lum; Tordna ukoll divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-minorenni u/jew l-familja taghha kif ukoll kull informazzjoni li tista' twassal ghall-identita' taghhom.